**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**- vs -**

**George Zahra ta' 46 sena, iben Francis u Grace xebba Borg li joqghod 22, Triq Santa Domenica, Fontana, Ghawdex.**
**(I.D. No 5752 G)**

Illum 18 t' April 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fit-2 t'April 1998 ghall-habta tas-2:10p.m. u anke fil-gimghat ta' qabel din id-data fil-garaxx tieghu li jinsab fil-fond 22, Santa Domenica Street, Fontana kiser il-kundizzjonijiet tal-licenzja mahruga lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija billi haddem makkinarju izjed milli ghandu licenzjat u aktar talli hadem sengha li tista' ddejjaq lill-girien jew li tista' tkun kagun ta' rwejjah li jaghmlu hsara lis-sahha jew zamm hwejjeg li jikkagunaw ghabra..

Semghet il-provi u rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-imputat verament ghamel dak li hu bih akkuzat u ma hu ta' ebda beneficcju ghalih li meta l-pulizija marru fuq il-post ma xammew l-ebda riha ta' spray ghaliex l-akkuza hija wahda cara fejn is-sengha ezercitata tista' ggib dan l-inkonvenjent .

Ghalhekk issibu hati;

Rat l-artikoli 130 (1) u 319 tal-Kap 10;

Tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hamsin lira Maltin (Lm50).

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur